MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 217/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard Charles Spiteri)**
**Vs**
**Roxanne Callus**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Roxanne Callus detentrici tal-karta tal-identita` numru 277788 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Dicembru, 2010 f'xi hin bejn 08.00 a.m. u 4.00 p.m. waqt li kienet qeghda fil-kumpless ta' Big Bon Stores li jinsab fi Triq Naxxar, Birkirkara u fil-vicinanzi ;
Volontarjament hassret jew gharqet hwejjeg haddiehor ghad-dannu tal-kumpanija Carant Trading Limited, liema hsara teccedi aktar minn l-elf, mioja u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69c).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' April, 2012, li biha, fil-

waqt li ma sabitx lill-appellanti hatja skont l-imputazzjoni migjuba kontra taghha, minflok sabitha hatja tar-reat minuri, kompriz u involut fir-reat lilha imputat, u cioe` ta' hsara involontarja ai termini ta' l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberataha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-3 Mejju, 2012, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn il-Qorti sabet l-appellanti mhux hatja u thassaraha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitha hatja tal-imputazzjonijiet kif indikat fis-sentenza u minnhom tilliberaha skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tirriforma fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwu ghall-kaz odjern.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-
a. Illi l-ewwel u qabel kollox dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba taghmel riferenza ghall-provi fl-atti.
b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konkluzzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti fejn l-imputata giet akkuzata talli "volontarjament" ghamlet il-hsara kif indikat fl-akkuza mhux biss ma gietx ippruvata imma giet ghal kollox liberata. Illi, allura b'dan ic-certifikat l-imputata ghandha tigi ghal kollox dikjarata mhux hatja stante li l-akkuza ma gietx ippruvata.
c. Illi, pero` minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu rilevanti li jigi indikat li anki kieku, l-imputata qed tishaq fuq l-innocenza taghha. Illi per principju, mhux accettabbli ghaliha li tinstab hatja *"... kompriz u involut fir-reat lilha imputat, u cioe` ta' hsara involontarja ai termini ta' l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor*

*fi zmien tmintax il-xahar”* ghax mhux hi ghamlet dak ghal x’hix hi giet akkuzata. Illi jidher car li qed tigi akkuzata bhala “scapegoat” tas-sitwazzjoni fejn qed tishaq fuq l-innocenza taghha ghax hi m’ghamlitx dak li giet akkuzata. Illi s-sitwazzjoni svolgiet wisq facli w qed jigi assunt li bilfors kienet hi li ghamlet il-hsara la kienet qed tahdem fuqhom!

d. Illi aspetti li jimmilitaw favur l-imputata huma s-segwenti : illi l-istess Carant Trading Ltd. Qabdu w marru jaghmlu rapport minghajr ma investigaw u/jew jaraw x’seta` kien gara. Illi jidher car li l-Pulizija ma ghamlu ebda investigazzjoni imma imxew fuq dak li qalulhom!

e. Illi apparti mis-suespost ghandu jigi sottolineat li anki ippruvaw ihamgu, waqt ix-xhieda, l-komportament tal-imputat meta kienet tahdem maghhom. Ili, pero` inqabdu bil-bosta meta irrizulta li l-imputata stess kienet irrizenjat w ghalhekk kienet qed tahdem in-notice skond il-ligi ghax il-hinijiet ma kienux adattati ghaliha minhabba ragunijiet tal-familja. Illi, ghalhekk, la sabet hinijiet iktar idoneji ghaliha, l-imputata telqet b’ton tajjeb u seren ghall-ahhar u dan wara circa seba` snin fl-impjieg taghhom.

f. Illi anki meta dina l-Onorabbli ser ikollha l-opportunita` tara lill-imputata fl-awla, jigi osservat li l-imputata hi tfajla ghal kollox bla hazen, liema haga serviet biex tikkonvinci anki l-Ewwel Qorti fuq l-innocenza taghha fejn assolutament mhux biss ma kellhiex l-“mens rea” imma mhux hi li kienet li ghamlet dak kif allegat. Illi dan iregi ghax m’ghandhiex interess li la taghmel hsara ghax ma tixtieqx deni lil hadd u lanqas m’ghandha interess li taghmel hsara. Illi di piu` hi ridikolagni li, la hi kienet qed tahdem fuq il-gieget, tesponi lilha nnifisha ghal dawn l-akkuzi.

g. Illi n-nuqqas ta’ kredibilita` tirrizulta anki mill-fatt li ghalkemm gie prezentat CD ma jirrizulta ebda evidenza li l-imputata ghamlet il-hsara reklamata. Illi di piu`, mill-provi irrizulta li l-ambjent kien espost fejn wiehed seta` jidhol bi skop0 negattiv, konxju li hu jiskappa w tehel l-imputata. Illi din il-possibilita` ma gietx eskluza.

h. Illi di piu, meta sar il-kontro ezami tal-kwerelati irrizulta li huma stess caqalqu minn dak li xehdu liema haga timmilita` favur l-akkuzata peress li deher car li

huma riedu jsibu “scapegoat” ghas-sitwazzjoni kif svolgiet irrelevanti jekk kellhomx ragun jew le.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Illi l-aggravju tal-appellant jista’ jinqasam f’żewġ partijiet:

(1) Illi l-appellanti ma kellhiex għalfejn tinsab ħatja ta’ imputazzjoni ta’ ħsara involontarja ġaladarba l-imputazzjoni kienet ta’ ħsara volontarja.

(2) Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti.

**L-Ewwel Parti tal-Aggravju**

Dwar l-ewwel parti tal-aggravju għandu jingħad li l-imputazzjoni kienet li l-appellanti:

‘għamlet ħsara volontarjament billi ħassret u għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor.’

Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati qalet hekk:

‘Għal dawn il-mottivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputata ħatja skont l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, minflok issibha ħatja tar-reat minuri, kompriż u involut fir-reat lilha imputat, u cioe’ ta’ ħsara involontarja ai termini tal-artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta...’

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ir-reat ta’ ħsara involontarja huwa kompriż u involut fir-reat ta’ ħsara volontarja. Għandek l-istess element materjali fiż-żewġ reati waqt li l-intenzjoni hija differenti. Fl-ewwel każ, il-ħsara tkun saret apposta waqt li fit-tieni każ, il-ħsara tkun waħda involontarja. Żgur li r-reat ta’ ħsara involontarja huwa wieħed iżgħar minn dak ta’ ħsara volontarja u għandu x’jaqsam fin-natura mar-reat ta’ ħsara volontarja. Mhux bħal, biex wieħed jagħti eżempju, id-differenza li hemm bejn ir-‘ragion fattasi’ u s-serq. Ma jistax ir-reat ta’ ragion fattasi jissostitwixxi dak tas-serq jew viċi versa għaliex dawn iż-żewġ reati

huma totalment differenti kemm mil-lat materjali kif ukoll mil-lat intenzjonali. Imma mhux hekk fil-każ bejn ħsara volontarja u ħsara involontarja għaliex it-tieni reat huwa kompriż u involut fl-ewwel reat.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.

**Il-parti tal-aggravju dwar il-fatti.**

Dwar dik il-parti tal-aggravju dwar il-fatti, l-ewwelnett, kif kemm-il darba diġa'ngħad minn din il-Qorti diversament preseduta, din il-Qorti ma tiddisturbax il-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom il-Qorti tal-Maġistrati jekk din setgħet tasal għalihom raġonevolment u legalment.

Għalhekk il-Qorti eżaminat il-provi mill-ġdid u stabbiliet dan li ġej.

L-Ispettur Bernard Spiteri qal li l-appellanti kienet qaltlu li jekk għamlet xi ħsara din ma kenitx intenzjonata. L-appellanti kienet qed tagħmel xi xogħol fuq il-ġgieget b'xafra u l-ħsara kienet saret fis-6 ta' Diċembru 2010.

Huwa xehed ukoll fl-14 ta' Marzu 2011 fejn esibixxa kopja tas-CD minn fejn itteiħdu r-ritratti ppreżentati. Fil-kontro-eżami qal li huwa ma rahiex tqatta' l-ġakketta. Huwa ra lill-appellanti tagħti daqqa bix-xafra fuq il-borża tal-ġakketta. Jista' jkun li mal-plastik kienet qed tinħass ukoll il-ġakketta.

Fl-istqarrija tagħha, magħmula fit-8 ta' Diċembru, 2010, l-appellanti kienet qalet li kienet tat in-notice li tielqa mix-xogħol  għax kienet sabet xogħol alternattiv. Fis-6 ta' Diċembru hija kient qed tagħmel il-barcodes billi qabdet borża, borża, qatgħet ix-xafra u waħħlet il-barcode fuq label. Kienet l-ewwel darba li għamlet dan ix-xogħol. Hija ċaħdet li kienet għamlet xi ħsara.

Fl-istqarrija l-oħra li saret fid-19 ta' Diċembru 2010, hija qalet li l-għarus tagħha kien qal lil tal-Big Bon li jekk saret xi ħsara din saret b'nuqqas ta' attenzjoni. Hija qalet li ma kinitx indunat li kien hemm il-ħsara u li hija kienet daret il-

ġgieget darbtejn. Hija ċaħdet li kellha xi rabja lejn il-management tal-Big Bon. Baqgħet tinsisti li ma kenitx taf li għamlet xi ħsara għalkemm kien hemm 117-il ġakketta involuta.[1]

PS 3 Kevin Grima xehed kif kienu marru s-sur Stephen Gauci u Bernard Gauci jirrapportawlu li kien sabu ħsara f'diversi ġgieget li kellhom l-istess tip ta' ħsara. Intqal li kienu qed jissuspettaw fl-appellanti għax kienet qed taħdem fuq dawn il-ġgieget. Ix-xhud qal ukoll li l-appellanti qaltlu li żgur ma kinitx għamlet ħsara volontarja.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li d-diretturi qalulu li qatt ma kellhom inkwiet bl-appellanti.

Xehed ukoll Bernard Gauci, direttur ta' Carant Trading. Huwa qal li jkollhom nies li xogħolhom hu li jwaħħlu l-barcodes. Il-kumpanija għandha għoxrin ħanut u dawn kollha bdew iċemplu li l-ġieget kienu kollha mqattgħin. Mill-filmat kien ra lill-appellanti bix-xafra f'idejha u kienet qed ittihom mhux dik in-naqra ta' fejn hemm il-label imdendla minn fuq s'isfel u tħares biex tara sħabha kinux hemm. Qatt ma kellhom aċċident bħal dan f'għoxrin sena.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li qatt ma kellhom problemi mal-appellanti. Huwa qal ukoll li fil-filmat jidher ċar li meta telqu l-oħrajn hi ħarset lejhom biex tara li telqu u bdiet tgħaġġel ittihom. (fol 43).

Xehed ukoll is-sur Mario Camilleri li huwa General Manager tal-Big Bon Group. Huwa qal li s-sur Stephen Gauci kien infurmah li l-hwienet kienu rrapartawlhom li l-ġgieget kollha kellhom tiċrita li saret fil-proċess tat-tagging u li dawn il-ġgieget kienu kollha saru mill-appellanti. Wara reġa' kellmu s-sur Stephen Gauci fejn għarrfu li l-boyfriend tal-appellanti xtaq li jitkellmu. F'ħin minnhom il-boyfriend

[1] Ara wkoll ix-xhieda ta' WPC 78 Roslyn Ciantar 9 (fol 59) u ta' WPC Oriana Spiteri (fol 63) li kienu xhieda tal-istqarrija.

tal-appellanti staqsieh x'riedu tal-ġgieget u x-xhud talbu sebat elef Ewro. Qatt ma kien kellmu lura.

Fil-kontro-eżami huwa qal li dawk il-ġgieget li ħadmet fuqhom Roxanne kienu dawk il-ġgieget li kienu kollha bit-tiċrita quddiem.

Huwa reġa' ttella' in kontro-eżami fit-8 ta' Frar 2012. Ix-xhud qal li l-għarus ta' Roxanne Callus kien jaf x'ġara. Huma kienu ħadu d-deċiżjoni li jirrapurataw lill-pulizija wara li raw li n-numru ta' ġgieget kien jaqbeż il-mija. Imbagħad il-kliem dar fuq il-valur tal-ġgieget. Ix-xhud qal li għamel minn kollox biex jiġbor il-flus. (fol 109).

Xehed ukoll Stephen Gauci (fol 66) li qal li impjegata tkun responsabbli li twaħħal il-barcode ta' kull item li jidħol. Dwar l-appellanti huwa qal li ma kenitx leħqet ċertu livell ta' performance. Huwa qal li kienu ċemplulu diveris ħwienet biex jinformawh li keinu rċevew xi ġgieget imqattgħin. Ix-xhud kien mar jagħmel rapport fl-għassa. Jum wieħed kien mar għandu l-għarus tal-appellanti u talbu biex jirranġaw biex ma jidħlux il-Qorti.

Fil-kontro eżami x-xhud qal li ma kinux keċċew lill-appellanti. Huma kienu biddlulha diveris ħwienet biex forsi taqbad tajjeb. Huwa kien ċempel lil ta' fuqu meta ra li ma kienx aċċident ta' ġakketta waħda jew tnejn. Mal-appellanti kien hemm tfajliet oħrajn jaħdmu

Fis-17 t'Ottubru, 2011 l-istess xhud esibixxa xi ġgieget li kienet saritlhom ħsara bix-xafra.

Fit-28 ta' Novembru 2011 xehed in kontro-eżami. Huwa rrefera għal meta l-għarus tal-appellanti mar ifittxu. Dak il-ħin l-għarus kien irrabjat ħafna u x-xhud qallu li kien aħjar jekk jirraġunaw. Il-General Manager ried jirranġa wkoll. L-għarus kien ra l-ġgieget imqattgħin. Huwa ma kienx ammetta li l-appellanti kienet qattgħet il-ġgieget. Ix-xhud kien għamilha ta' medjatur biex l-affarijiet ma jsalux il-Qorti.

Xhud oħra kienet Sharon Micallef li spjegat il-proċess tal-barcoding bħala li toħroġ it-tabella u twaħħalil-prezz b'kollox. Hija kienet taf li x-xogħol kien sar mill-appellanti għax kien sar jum qabel. Hawnhekk ix-xhud ippreżentat il-job sheet.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li fl-ambjent fejn kienet taħdem l-appellanti kienu jkunu tlieta jew erbgħa. Sakemm l-appellanti tkun qed taħdem fuq linja l-oħrajn ikunu qed jaħdmu fuq linja oħra. Ix-xhud rat lill-appellanti fuq il-video qed tqatta' l-plastik bix-xafr.

L-appellanti xehdet fit-8 ta' Frar 2012. Hija qalet li qatt ma kienet qalgħet xi charge fuq ix-xogħol. Hija kienet għamlet dan ix-xogħol kemm-il darba. Fl-istore kienu jaħdmu hi u tlieta oħra. Hi dejjem tqatta' l-borża u tagħmel il-barcode u imbagħad ix-xogħol jgħaddi minn taħt idejn oħra. Dawn il-ħaddiema l-oħra jqattgħu l-borża biex iwaħħlu l-barcode u mbagħad tnejn minnhom jgħoddu l-ammont. Meta nqala' l-inċident ma kinux kellmuha l-Management iżda l-Pulizija. Hija ma kinitx qabbdet lill-għarus tagħha biex imur ikellem lill-Manager. Huwa mar biex jara eżattament x'ġara. Huwa għarrafha li l-management kienu qed jitolbu l-flus għall-ġakketti mqattgħin.

Xehed ukoll Christopher Sultana, l-għarus tal-appellanti. Huwa qal li kien irrabjat ħafna meta sar jaf b'din l-affari. Huwa kien qal lill-għarusa li sejjer jitkellem u qabad u mar. L-employers dejjem irraġunaw bil-mod li jridu l-flus.

Ikkonsidrat

Mix-xhieda t'hawn fuq, il-Qorti m'għandha ebda dubju li kienet l-appellanti li ħadmet fuq il-ġgieget li nstabu mqattgħin. Hija kellha tagħmel tiċrita żgħira fil-plastic cover ta' kull oġġett sabiex tasal sal-label fejn teħel il-barcode.

Bħall-Qorti tal-Maġistrati din il-Qorti qed tikkonkludi li x-xhieda t'hawn fuq jindikaw li l-ħsara saret mill-appellanti.

Il-Qorti qed tikkonsidra wkoll il-fatt li Christopher Sultana, l-għarus tal-appellanti, mar biex 'jirranġa' mal-management. Ukoll jekk dan mar min rajh, ma marx għand il-management għalxejn imma għax kien jaf li l-ħsara saret mill-appellanti u mhux minn ħadd ieħor. Kieku ma kien imur xejn jew, flimkien mal-appellanti, kien jikkontesta l-fatti. Minn dan kollu ma sar xejn ħlief li saret xi konverżazzjoni dwar l-ammont ta' flus involuti u peress li l-ammont involut kien ta' sebat elef Ewro, ma ntlaħaq ebda ftehim. Barra dan fl-istqarrija tagħha tad-19 ta' Diċembru 2010, l-appellanti wkoll qalet li jista' jkun li kienet għamlithom hi u ma ndunatx. Għall-Qorti, ma jfisser xejn li kien hemm ħaddiema oħra jaħdmu mal-appellanti jew li fl-ambjent seta' daħal ħadd ieħor (par.g a fol 140**). L-indizji kollha jindikaw lill-appellanti bħala l-awtriċi tal-ħsarat.. Għalhekk m'hemmx dubju li kienet l-appellanti li wettqet il-ħsarat.**

Bħall-Qorti tal-Maġistrati wkoll, din il-Qorti qed tikkonkludi li kienet it-traskuraġni li wasslet għall-ħsara kkaġunata mill-appellanti.

Ma naqas xejn il-Management meta għamel rapport lill-Pulizija meta wieħed iqis l-entita' tal-ħsara.

Ma jirriżultax li x-xhieda ppruvaw iħammġu l-work record tal-appellanti (kif huwa allegat fil-paragrafu (e) a fol 139 jew li reidu jsibu scapegoat (paragrafu (h) a fol 140)..

**Konsegwentement il-Qorti qed tiċħad it-tieni parti tal-aggravju tal-appellant.**

**Konklużjoni**

Għalhekk qed tiċħad iż-żewġ partijiet tal-aggravju ta' dan l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Roxanne Callus' nhar it-23 t'April, 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------